NQFinclusive

Akkreditazzjoni u Ċertifikazzjoni ta' edukazzjoni vokazzjonali bażika għal persuni żvantaġġati permezz tal- NQF

X'inhu l-EQF / NQF?

EQF jirrapreżenta l-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki li hija sistema li tikkonsisti fit-8 livelli klassifikati. Il-membri kollha tal-Unjoni Ewropeja huma mitluba li jiżviluppaw il- Qafas Nazzjonali għall-Kwalifiki tagħhom (NQF).

L-għan huwa li tinħoloq trasparenza akbar fis-sistema edukattiva Ewropeja.

Għaliex NQF inklussiv?

Ta' spiss persuni li jiffaċċjaw problemi ta' tagħlim, jew persuni mis-setturi tas-soċjetà fejn l-kisba edukattiva hija baxxa, mhumiex kapaċi jiggradwaw minn taħriġ vokazzjonali formali, bħal ma hu l- apprendistat. Bħala riżultat, dawn in-nies għandhom tendenza li jattendu korsijiet vokazzjonali bażiċi speċifikament maħsuba għalihom minn ċertu istituzzjonijiet, sabiex jiksbu għerf, ħiliet u kompetenzi għal użu f'xoħol partikulari.. Minkejja li spiss huma mħarrġa tajjeb u tgħallmu kif jagħmlu xogħol speċifiku permezz ta' dawn il-korsijiet, huma ma jiġux formalment ċertifikati, peress li l-programmi ta' taħriġ jaqgħu taħt sistema edukattiva mhux formali. . Sabiex dawn il-persuni jiġu mpjegati, hemm il-bżonn ta' certifikat li jindika l-għerf, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-individwu b'riżultat tat-taħriġ li jkun ingħata fil-kors, u dan ikun tassew utli.

L-għan ta ' dan il-proġett huwa għalhekk li jiġi żviluppat mudell għall-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' dawn il-korsijiet ta' taħriġ, bl-użu tal-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki u dak Nazzjonali.

X' inhuma l-għanijiet tagħna?

- Żvilupp ta' mudell ta' akkreditazzjoni , kif ukoll ċertifikat għal edukazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali mhux formali f'livell aktar baxx minn dak ġa eżistenti.
- Standard għal taħriġ vokazzjonali bażiku fl-ewwel u t-tieni livell.
- Definizzjoni ta' x'l- individwu għandu jkun/tkun jaf/taf għal tliet korsijiet edukattivi vokazzjonali.
- Proċedura ta' eżamijiet .
- Abbozz ta' ċertifikat.
- Opportunitajiet avvanzati għal persuni b'diżabilita' fid-dinja tax-xogħol.
- Trasparenza għal min iħaddem.
- Gwida għal min jipprovdi t- tagħlim fir-rigward ta' ħolqien ta' programmi edukattivi.
- Opportunitajiet indaqs u inklużjoni.

Għal min?

- Persuni b'diżabilità intelletwali kif ukoll nies minn diversi setturi tas-soċjetà fejn il-kisba edukattiva tagħhom tkun baxxa ħafna.
- Istituzzjonijiet edukattivi li joffru programmi ta' taħriġ għal persuni msemmija hawn fuq.
- Kumpaniji /min iħaddem sabiex ikollhom informazzjoni ċara fejn wieħed jista' jqabbel l- għerf, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-applikant.
- Bordijiet pubbliċi b'konnessjoni ma' sistemi edukattivi nazzjonali.
- Bordijiet pubbliċi li jiżviluppaw l-NQFs

Għal aktar informazzjoni: www.nqfinclusive.org

National Qualification Framework

Min hu nvolut?

Chance B
Persuni li tistgħu tikkuntatjaw: Franz Wolfmayr, Marion Bock
Tel.: 0043 3112 4911 Fax: 0043 3112 4911 8399
E-mail: marion.bock@chanceb.at ▫ www.chanceb.at

Ċentru Nordiku għal Għajnuna u Kwistjonijiet Soċjali
Persuna li tistgħu tikkuntatjaw: Maarit Aalto
Tel.: 0046 8 54553600 Fax: 0046 8 7854001
E-mail: maarit.aalto@nordicwelfare.org ▫ www.nordicwelfare.org

Il-Kulleġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija
Persuna li tistgħu tikkuntatjaw: John Bartolo
Tel.: 00356 2398 7134 Fax: 00356 2398 7316
E-mail: john.bartolo@mcast.edu.mt ▫ www.mcast.edu.mt

Varstveno delovni center Polž Maribor
Persuna li tistgħu tikkuntatjaw: Sabina Petek
Tel.: 0038 6232 08654 Fax: 0038 6232 08658
E-mail: sabina.petek@triera.net ▫ www.vdcpolz.si

Kunsill Malti għall-Kwalifiki
Persuna li tistgħu tikkuntatjaw: Richard Curmi
Tel.: 00356 2180 1411 Fax: 00356 2180 8758
E-mail: richard.curmi@gov.mt ▫ www.mqc.gov.mt

(logo) Assoċjazzjoni Ewropeja tal-Istituzzjonijiet li jipprovdu Servizz lil Persuni b'Diżabbiltà
Persuna li tistgħu tikkuntatjaw: Sonia Staskowiak
Tel.: 0032 2282 4615 Fax: 0032 2230 7233
E-mail: sonia.staskowiak@easpd.eu ▫ www.easpd.eu

Dan il-proġett huwa iffinanzjat bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropeja.

Din il-pubblikazzjoni [komunikazzjoni] tirrifletti l-opinjonijiet tal-awtur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme